MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2005

Appell Civili Numru. 497/2004/1

**GasanMamo Insurance Limited surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Mario Attard**

**vs**

**Renzo Pollacco**

**Il-Qorti,**

Fil-11 ta' Gunju, 2004 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' Marzu, 2004 fejn intalab il-hlas ta' hames mija u lira, Liri Maltin u seba' centezmi (Lm501.07) rapprezentanti danni li sofrew meta l-attur waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru AAB 096 fl-1 ta' Awissu, 2003 gewwa l-Floriana habat mall-

vettura numru DAI 324 propjeta' ta' Renzo Pollacco u kkaguna danni f 'din l-istess vettura. Dan l-incident huwa ghalih unikament responsabbli l-konvenut stante li s-sewqan tieghu kien wiehed negligenti u traskurat,

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra legali tat-22 ta' Dicembru, 2003 kontra l-konvenut, u tal-parir Lm15.00 bl-imghax kontra l-istess konvenut li huwa ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenutipprezentata fil-15 ta' April, 2004 fejn intqal illi:

Illi t-talbiet tas-socjeta' attrici kif diretti kontra l-eccipjenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha billi l-incident  in kwistjoni ma sarx b'tort tal-eccipjenti, pero' b'tort tas-sewwieq Mario Attard, li kien qed isuq il-vettura AAB 096, u dana minhabba negligenza, traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess Mario Attard, u dana kif jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema' x-xhieda ta' Mario Attard, Renzo Pollacco u PS 325 Patrick Bonnici. Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.

Ikkunsidra:

1. Dan l-incident jirrigwarda kollizzjoni li sehhet fl-1 ta' Awissu, 2003 il-Floriana ghal habta ta' 8 :55a.m. bejn il-vettura AAB 096 misjuqa minn Mario Attard u l-vettura numru DA1 324 misjuqa minn Renzo Pollacco.
2. L-attur kien gej mid-direzzjoni tal-petrol station ta' hdejn il-carpark tal-Floriana miexi fid-direzzjoni biex jibqa' niezel lejn Marsamxett.
3. Il-konvenut kien gej mid-direzzjoni tal-Phoenicia biex imur fid-direzzjoni tad-Depot tal-Pulizija.
4. Fil-parti fejn sehh l-incident hija cross road peress illi ghandek dawk il-karozzi illi bhall-attur riedu jinzlu lejn Marsamxett u dawk il-karozzi bhal konvenut illi riedu jibqghu sejrin fid-direzzjoni tad-Depot.

5. Il-konvenut qabel ma telaq mit-triq tal-Phoenicia Hotel waqaf fuq l-stop sign u mbaghad hareg u saq lejn id-Depot. Skond il-konvenut kif wasal fil-punt fejn gara l-incident giet il-vettura ta’ l-attur b’velocita’.
6. L-attur ighid li waqaf fuq l-stop sign li hemm qabel l-ewwel cross road li minnha jghaddu tal-linja u wara baqa’ niezel. Hu kien qed ihares fuq in-naha tax-xellug tieghu fid-direzzjoni li taghti ghad-Depot : « minhabba li kien gej wiehed minn dik id-direzzjoni ». L-istess attur ighid « fuq in-naha tal-lemin tieghi ma haristx ». L-attur ighid li kien miexi b’xi 10 jew 15 m.f.s.
7. Il-konvenut da parti tieghu jghid li mill-stop sign li hareg u sa fejn grat il-kollizzjoni hemm distanza ta’ xi tlett karozzi, u setgha jara l-stop sign minn fejn hareg l-attur.
8. Jirrizulta li l-habta grat fil-parti wara li tiskorri t-traffic island.
9. Tenut kont ta’ dak li ntqal it-Tribunal qed jinnota illi l-attur meta kien intenzjonat li jikser il-karreggjata li minnha kien ghaddej il-konvenut ma zammx *a proper look out* ghal vetturi li gejjin, huwa baqa’ hiereg bil-konsegwenza illi habat go l-attur li kien gia beda jiskorri t-traffic island. Ma hemmx dubbju illi l-incident gara proprju minhabba illi l-attur waqt li kien qed isuq, waqt li kien fl-obbligu li jara jekk kienux gejjin vetturi minn fuq il-lemin tieghu ma harisx peress li hu hares biss fuq ix-xellug tieghu.
10. It-Tribunal ma jqisx validu l-argument li l-stop sign li hemm fit-tarf tat-triq tal-Phoenicia Hotel japplika ghal dik il-parti fejn sehhet il-kollizzjoni. Fic-cirkostanzi l-konvenut ma ghandu ebda tort ghall-incident li sehh.

Ghaldaqstant it-Tribunal ma jsibx responsabbli lill-konvenut ghall-incident li sehh u konsegwentement jichad it-talba attrici. Bl-ispejjez kontra l-istess socjeta’ attrici.”

L-atturi jattakkaw il-gudizzju tat-Tribunal billi jressqu, b’ aggravju, il-fatt li l-addebitu tal-htija ghall-kollizzjoni kellu jkun addossat interament fuq il-konvenut;

Mill-kontenut tieghu dan l-aggravju jirrestringi l-iskrutinju ta’ din il-Qorti ghall-indagini tar-responsabilita`.

Brevement riprodotti l-versjonijiet ta’ kif sehh l-incident in ezami huma kif gej:-

(1) Fix-xhieda tieghu l-konvenut jistqarr li hu kien gej mid-direzzjoni tal-lukanda Phoencia u kien intenzjonat jaqsam il-*cross road* biex jaccedi ghad-direzzjoni tad-Depot. Huwa jghid li waqaf fuq l-i*stop sign*, ivverifika jekk kienux gejjin vetturi u hareg. Kif wasal fil-punt fejn sehhet il-habta l-vettura tas-sewwieq l-iehor giet “*gas down* fuqi”. Skond il-konvenut mill-i*stop sign* sa l-i*spot of impact* kien hemm tul ta’ xi tnejn jew tliet karozzi. In kontro-ezami jzid jistqarr illi meta wasal hdejn it-*traffic island* indikata fl-iskizz (Dok. PB2) huwa hares lejn id-direzzjoni tal-pompa. *Ex admississ,* jghid, li “l-karozza l-ohra rajtha mal-habta biss”. Ta’ min jirrileva illi aktar qabel l-istess konvenut jiddikjara illi meta hu kien ghadu fuq l-istop sign kien osserva lis-sewwieq Mario Attard fuq l-i*stop sign* tieghu;

(2) Minn naha tieghu s-sewwieq Mario Attard iddepona li hu kien gej isuq mid-direzzjoni ta’ Marsamxett. Huwa jghid li waqaf fuq l-i*stop sign*, hareg, qasam l-ewwel *cross road* u kif kompla jsuq, bil-mod hafna, il-konvenut hareg minn fuq l-i*stop sign* u saret il-habta. Huwa mbaghad jammetti in kontro-ezami illi hares lejn ix-xellug tieghu fid-direzzjoni li tati ghad-Depot minhabba li kien gej wiehed minn dik id-direzzjoni, pero` ma haresx fid-direzzjoni leminija tieghu;

(3) Hemm qbil bejn il-kontendenti illi d-daqqa fuq il-vettura tal-konvenut kienet akbar minn dik tas-sewwieq Mario Attard. Skond il-konvenut id-danni subiti kienu fil-*bonnet*, *mudguard*, fanal, *bumper* u xi affarijiet fir-rota. Ghal Mario Attard, invece, id-danni fil-vettura tieghu kienet fuq quddiem, fil-kantuniera tal-lemin;

Huwa pacifiku illi l-kwestjoni tar-responsabilita` tirrizolvi ruhha fir-ricerka min fost il-kontendenti, mill-fatti pruvati, kien in kolpa ghas-sinistru. Mil-fatti premessi huwa car illi dak li jispikka l-aktar f’ kaz ta’ din ix-xorta huma l-indikaturi ta’ fatt emergenti, l-aktar mit-topografija ta’ fejn sehh l-incident. S’ intendi, oltre dan hemm il-fatti accertati li

jistabbilixxu d-dinamika ta’ l-iskontru u dawk ir-regoli tas-sewqan li kellhom jiggwidaw liz-zewg konducenti;

Mhemmx dubju illi fejn sehh l-incident hi arterja qawwija tat-traffiku tant li f’ bosta nhawi t-toroq huma konfigurati minn *stop signs* intizi biex is-sewwieqa jirrallentaw is-sewqan taghhom u addirittura jarrestaw il-vettua biex jaghtihom l-opportunita` jesploraw kif jixraq dak li jkun qed isir madwarhom u juzaw dik il-prudenza necessarja meta jigu biex johorgu minn fuq l-i*stop sign*, b’ mod li dan jaghmluh biss meta jkunu certi li t-triq hi libera. Dan dejjem fl-osservanza ta’ dawk ir-regoli generali li kull konducent jehtieglu jsegwi u skond il-principji ordinarji tal-bon sens;

Fil-kaz in ezami mhux kontrovers illi sa certu punt iz-zewg sewwieqa ottemperaw ruhhom mar-regolament li jieqfu fuq l-i*stop sign* rispettiva taghhom. Inversament pero` filwaqt li l-konvenut jghid li hu osserva lis-sewwieq Mario Attard fuq l-i*stop sign*, dan ta’ l-ahhar ma jghidx jekk minn naha tieghu kienx osserva lill-konvenut meta hu kien ghadu fuq l-i*stop sign* ta’ hdejn il-*petrol station*. Dak li pero` hu presumibbli huwa l-fatt illi z-zewg konducenti, appena rrealizzaw li t-triq kienet libera, hargu prattikament fl-istess hin minn wara l-i*stop sign* rispettiva taghhom;

Fuq l-isfond tal-fatti emergenti u mill-analisi taghha tal-provi hi l-fehma ta’ din il-Qorti illi l-htija ghall-incident kellha tigi addossata fuq iz-zewg konducenti u ghalhekk is-sentenza appellata, in kwantu rriteniet lil Mario Attard unikament in kolpa hi zbaljata. Fir-rigward din il-Qorti taghmel dawn il-konsiderazzjonijiet:-

(1) Indubitament it-toroq f’ dik il-lokalita` huma ta’ importanza ugwali. Certament iz-zewg konducenti kienu intenzjonati li jibqghu sejrin ghad-dritta, il-wiehed fid-direzzjoni ta’ M’Xett u l-iehor fid-direzzjoni tad-Depot;

(2) Manifestament pero` minn wara li hargu minn fuq l-i*stop sign* it-tnejn li huma ma ndunawx bil-presenza

ta' xulxin. Hekk jista' jinghad li kieku Mario Attard indenja ruhu jhares fuq il-lemin tieghu kien certament jintebah li l-konvenut kien qieghed f' dak il-mument jitraversa t-triq biex imur fid-direzzjoni tad-Depot. Huwa jikkonfessa li dan ma ghamlux ghaliex kien aktar interessat mit-traffiku gej minn fuq ix-xellug tieghu mid-direzzjoni tad-Depot. Similment, jista' jinghad illi kieku l-konvenut kien il-hin kollu attent kien jintebah li s-sewwieq l-iehor kien hareg minn fuq l-i*stop sign* tieghu. Id-dikjarazzjoni mistqarra tieghu illi hu ra l-karozza ta' Mario Attard "mal-habta biss" turi dizattenzjoni u certa non-kuranza, ugwali ghal dik tad-*driver* Mario Attard;

(3) Kif taraha din il-Qorti l-gradazzjoni tal-kolpa hi mizurabbli skond ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz. Ma tistax certament tiddeduci argoment ta' vantagg mill-istess cirkostanzi fattwali lil xi parti jew l-ohra. Kieku t-tnejn kienu attenti u harsu sew ma setax ma jarawx lil xulxin;

(4) Kif gja osservat il-lokalita` hi mmarkata b' mod illi s-sinjali jindikaw lis-sewwieqa gejjin mid-diversi direzzjonijiet biex jieqfu fuq l-i*stop sign* u jesploraw sewwa t-triq qabel ma jissoktaw fi triqithom. Li jfisser li kull wiehed mill-konducenti kien fl-obbligu li juza prudenza u jakkorda aktar attenzjoni ghall-fatt biex fejn jokkorri jaghti precedenza. Ghall-Qorti dan huwa l-kaz tipiku ta' nuqqas ta' "*proper lookout*" da parti taz-zewg *drivers.*

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell interpost. Dan fis-sens illi ssib li ghall-incident kienu responsabbli z-zewg sewwieqa f' mizura ugwali. B' hekk tikkundanna lill-konvenut ihallas in linea ta' danni lis-socjeta` assiguratrici attrici nofs is-somma reklamata fl-avviz, bl-interessi dekorribbli mid-data ta' din is-sentenza. L-ispejjez gudizzjarji taz-zewg istanzi ghandhom jitbatew bin-nofs bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------